MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1522/2010

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C-476)
li qabel kienet maghrufa bhala Wands Limited**

**vs**

**Rosaria maghrufa bhala Lucy Gauci
(ID No. 136163-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici iddikjarat illi s-Socjeta’ rikorrenti bieghet u debitament ikkonsenjat lill-intimata diversi prodotti ta’ xorb, u dan in segwitu zewg *credit applications* rispettivament datati 15 ta’ Mejju u 22 ta’ Lulju, 2009 (kopja taghhom hawn annessa u mmarkata Dok. B1 u B2), li l-intimata ghamlet mal-istess Socjeta’ rikorrenti, rispettivament ghall-bar f’“*Sirens Aquatic Sports Club*” u ghall-bar f’ ”*Nicolo Isuard Band Club*” ;

Illi l-intimata ghandha taghti lis-Socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elef, tlett mija u tmienja u tletin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3,338.81c) skond zewg *statements of account* (kopja taghhom hawn annessa u mmarkati Dok. A1 u Dok. A2) in kwantu ghall-bar f’“*Sirens Aquatic Sports Club*” is-somma ta’ elfejn hames mija u tlieta u tmenin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,583.79c) u in kwantu ghall-bar f’ “Nicolo Isuard Band Club” is-somma ta’ €689.04c, total ta’ € 3,338.81c u dan kif jirrizulta mill-istess *statements of account*;

Illi l-konvenuta, ghalkemm interpellata diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-25 ta’ Settembru, 2009, ipprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqghet inadempjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenuta, li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tas-Socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda stante li dan id-debitu ‘gia gie rez ezekuttiv bi proceduri ohra minn l-atturi.

Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnha. Din ix-xhud spjegat kif il-prodotti li jinbieghu lill-istabbilimenti kummercjali, bhal dawk gestiti mill-konvenuta, jigu kategorizzati skond il-prodott li jigi mibjugh, b’tali mod illi generalment jinhargu zewg fatturi ghal kull stabbiliment; ghal kull konsenja tinhareg fattura wahda li tkun tittratta prodotti li jigu distribwiti minn *Simonds Farsons Cisk p.l.c* u fattura ohra ghal prodotti li jigu distribwiti minn *Farsons Beverage Imports Company Limited*. Dik tal-ewwel tbiegh

prodotti bhal m'huma ilma, *fruit juices*, birra u *soft drinks*, filwaqt illi din tal-ahhar tbiegh prodotti alkolici u inbejjed, fost ohrajn. Spjegat ukoll illi dawn huma zewg Socjetajiet kummercjali separati u distinti, li madanakollu jifformaw parti minn *Farsons Group of Companies*.

Ikkunsidra,

Illi l-azzjoni odjerna tittratta dwar prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta mis-Socjeta' *Farsons Beverage Imports Company Limited*, filwaqt illi s-Socjeta' l-ohra, Simonds Farsons Cisk p.l.c. 'gia ottjeniet titolu ezekuttiv fil-konfront tal-istess konvenuta; madanakollu, dawn it-titoli ezekuttivi jittrattaw dwar prodotti ohra li gew mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta, u ghalhekk a bazi ta' fatturi differenti.

Illi in forza tal-azzjoni odjerna, is-Socjeta' attrici qed titlob il-hlas tal-ammont rizultanti mir-rendikont li jinsab *a fol.* 42 tal-process, u l-iehor *a fol.* 43 tal-process.

Illi da parti tal-konvenuta, l-kontestazzjoni taghha hija bbazata fuq il-premessa illi l-ammont li qed jintalab f'din il-kawza, is-Socjeta' attrici kienet 'gia ottjeniet titolu ezekuttiv ghalih; madanakollu, mid-dokumenti li gew ipprezentati mis-Socjeta' attrici stess jirrizulta illi tali titolu ezekuttiv jittrata kreditu differenti, u dan kif jirrizulta mill-kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili (Dok. RM 7) u mill-kopja tal-ittra ufficjali li rrendiet ezekuttivi il-kambjali li l-istess konvenuta accettat u ffirmat a favur tas-Socjeta' attrici, u li mmaturaw u ghalhekk saru dovuti (Dok. RM 3).

Ra li l-konvenuta naqset milli tressaq ebda provi in sostenn tal-allegazzjoni sollevata minnha, u peress illi t-Tribunal jinsab sodisfatt illi l-kreditu vantat mis-Socjeta' attrici permezz ta' din l-azzjoni m'huwiex l-istess kreditu li dwaru l-istess Socjeta' attrici 'gia ottjeniet titolu ezekuttiv, allura ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba taghha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ tliet elef tliet mija u tmienja u tletin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€3,338.81c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------